MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 1684/2000/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Jimmy Vella
f'ismu propju u ghan-nom u fl-interess tas-socjeta'
Jimmy Vella Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fl-20 ta' Dicembru, 2000 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm801.56) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut jew minn impjegati tieghu f'*cable* tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar il-21 ta' Jannar, 2000 fi Triq Tarxien, Gudja.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-14 ta’ Novembru, 2000 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ l-ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut prop et noe fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, il-kawza hija dezerta ai termini ta’ l-artikolu 963 ta-Kap. 12;
2. Illi l-eccipjent proprio ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu x-xogholijiet li matulhom gara l-incident de quo kienu jinvolvu esklussivament lis-socjeta’ konvenuta, u in kwantu huwa personalment ma kienx qieghed jimmanuvra l-makkinarju involut fl-incident;
3. Illi fil-mertu, l-incident sehh esklussivament tort tal-Korporazzjoni attrici, billi l-incident sehh gewwa proprjeta’ privata li kienet qed tigi mhammla billi l-*cable* in kwistjoni kien impoggi fil-hamrija ta’ ghalqa minghajr l-ilqugh u s-sinjali rikjesti mill-prattika u mill-prudenza ordinarja;
4. Illi minghajr pregudizzju, jaspetta lill-Korporazzjoni attrici f’kull kaz l-oneru li tipprova li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli in eligendo jew in vigilando.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konveut giet irtirata permezz tal-verbal tat-28 ta’ Jannar, 2002 (fol 20) u ghalhekk, il-qorti sejra tghaddi minnufih sabiex tikkonsidra l-meritu.

Irrizulta mill-provi illi fil-21 ta’ Jannar, 2000, il-haddiema tal-konveut kienu qeghdin jahdmu go *plot* privata fi Triq il-Tarxien, Gudja meta waqt it-thammil ta’ l-art intlaqa *cable* tad-dawl bil-konsegwenza illi giet affettwata l-provvista tad-dawl fl-Indusrial Estate ta’ Hal Ghaxaq.

Il-konvenut, Jimmy Vella kkonferma illi huwa kien il-kuntrattur imqabbad mill-privat biex ihammel *plot* fi Triq Tarxien, Gudja. Jghid, fost affarijiet ohra, " … kont taht l-impressjoni illi s-sid ta' dan il-plot, John Dalli kellu l-permessi kollha …" Il-*cable* gie milqut waqt it-thammil u ma ssoponix illi ser isib *cable* go *plot* privata u fil-hamrija. Jghid illi l-*cable* kien ghaxar piedi 'l gewwa mill-hajt tas-sejjieh. Ma kienx prezenti meta ntlaqghat il-*cable* u mar immedjetament wara u ra l-*cable* maqbud b'sinna ta' gaffa.

Emanuel Cassar, a fol 41, Principal Technical Officer mall-Korporazzjoni attrici jikkonferma illi permessi ma kienx hemm u meta staqsa lill-kuntrattu jekk kellux permessi, dan qal illi ma kellux. A fol. 37 gie pprezentat *statement* bl-ammont reklamat mill-Korporazzjoni attrici.

Ikkunsidrat:

Illi wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenut tikkoncerna l-mod kif gie citat f'din il-kawza, kemm personalment kif ukoll fl-interess tas-socjeta' Jimmy Vella Limited.

Il-konvenut ta x-xhieda tieghu a fol. 26 tal-process izda ma ghamel l-ebda referenza ghal din l-eccezzjoni u lanqas ghal mod kif kien qieghed jahdem fuq il-*plot* imsemmi. Ghalhekk, il-Qorti fin-nuqqas ta' provi trid tiehu l-mod kif gie ccitat bhala validu ghal kull fini u effetti tal-ligi.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Anthony Ventura noe vs Raymond Galea et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju, 1996 fejn qalet li sid u l-haddiema kienu responsabbli illi jakkwistaw il-permessi kollha u jiehdu dawk il-mizuri kollha sabiex jassiguraw li *cables* tal-Korporazzjoni Enemalta ma jigrilhomx hsara meta jkunu qeghdin jiskavaw jew ihammlu *plot* privata. Dan huwa proprju dak illi gara f'dak il-kaz. Il-konvenut beda' jhammel minghajr ma kellu l-permessi mehtiega. Qal biss li kien taht l-impressjoni li s-sid kellu l-permessi, din mhijiex gustifikazzjoni u fl-isfond

tat-taghlim fuq imsemmi, l-haddiem u cioe' il-kuntrattur huwa responsabbli ghall-hsarat subiti ladarba permessi ma kellux.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-Korproazzjoni attrici u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine illi jhallas l-ammont ta' tmien mija u lira Maltin u sitta u hasmin centezmu (Lm801.56) rapprezentanti danni minnu jew minn impjegati tieghu kkagunati f'*cable* tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati fil-21 ta' Jannar, 2000 fi Triq Tarxien, Gudja.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-ata tan-notifika ta' l-avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------